**Nru. 331**

**AKKWIST TA' ART**

**Emenda**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.310 tad-29 ta' Marzu, 2010, il-verżjoni Ingliża tad-deskrizzjoni tal-art fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta kellha tkun "Half undivided share of a plot of land at Swieqi" u mhux kif hemm indikat fin-Notifikazzjoni msemmija.

L-1 ta' April, 2010

**No. 331**

**LAND ACQUISITION**

**Amendment**

WITH reference to Government Notice No. 310 dated 29th March, 2010, the English version of the description of land in the Declaration by the President of Malta should have read "Half undivided share of a plot of land at Swieqi" and not as shown in the said Notice.

1st April, 2010

**Nru. 332**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-impatt tal-Ippjanar Ambjentali**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt tal-Ippjanar Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux ser iżżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 01230/09
Post: Sit f'Wied il-Għasel, Wied il-Għasel, Burmarrad

Proposta: Titjib fil-parti t'isfel ta' Wied il-Għasel

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-26 ta' Marzu 2009 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Ippjanar Ambjentali sottomessa fid-19 ta' Frar 2010.

**No. 332**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 01230/09
Location: Site at Wied il-Għasel, Wied il-Għasel, Burmarrad
Proposal: Upgrading downstream of Wied il-Għasel

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in 26th March 2009 and the justification for proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 19th February 2010.

| **Impatti potenzjali** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.** |
|---|---|
| ***Potential Impact*** | ***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
| Użu tal-art | Ir-restawr tal-wied huwa miżura biex jittaffew l-impatti li ġew ikkawżati minn barrieri li joperaw fil-viċin. Il-ġnub tal-wied ser jiġu *landscaped*. Il-ħamrija mhux ser titneħħa mill-post. |
| *Land use* | *The valley restoration is intended to mitigate the impacts caused by overspills from quarrying activities. The valley side will be rehabilitated through landscaping. No soil shall be removed from site.* |
| Ħolqien ta' skart | Il-ħamrija ser tiġi użata fuq il-post. Skart iġġenerat minn skavar tas-sit ser jiġi rriċiklat u rijutilizzat. In-naqal li se jinġabar matul it-tħammil se jerġa' jintuża safejn ikun possibbli, inkella jittieħed f'sit approvat għall-irdim. L-impatti mhumiex meqjusa bħala sinifikanti. |
| *Waste generation* | *Soil will be reused on site. Any good quality excavation material will be recycled and reused. Dredged silt will be reused as much as possible and if not possible, it will be deposited in a licensed landfill. Impacts are not considered to be significant.* |
| Trabijiet u kwalità tal-arja | Għalkemm is-sit jinsab ġo żona fejn hemm numru ta' industriji relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni u l-ipproċessar tal-ġebel, iż-żieda fit-trabijiet mhix meqjusa bħala sinifikanti. It-trabijiet li ser jiġu ġġenerati fin-naħa ta' isfel tal-wied ser ikunu jikkonsistu l-aktar f'ħamrija. Dan mhux mistenni li jħalli impatt sinifikanti fuq l-art agrikola tal-madwar. Ser tintuża għodda adatta biex jitnaqqsu t-trabijiet. |
| *Dust and air quality* | *Although the site is located within an industrial area dedicated to construction and mineral processing industries, the increase in dust is not considered significant. Any particles released in the lower parts of the valley will mainly consist of soil. This is not expected to significantly affect the surrounding agricultural land. Equipment used will be such as to minimise dust.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-impatt mill-istorbju waqt il-fażi ta' kostruzzjoni mhux se jkunu sinifikanti meta jitqies it-tip ta' intervent u l-fatt li dan jinsab qrib ta' numru ta' barrieri u industriji oħra relatati mal-kostruzzjoni u mal-ipproċessar tal-ġebla. |
| *Noise and vibration* | *Noise impacts are temporary during construction and are not expected to be significant given the nature of the intervention and its location in the vicinity of quarrying activity, construction and mineral processing industries.* |
| Impatt viżiv | Ir-restawr tal-wied ser iħalli impatt pożittiv fuq iż-żoni skedati li jinsabu fil-qrib, u fuq il-pajsaġġ li huwa mħares bħala *Area of High Landscape Value*. Il-proposta ser ittejjeb l-ambjent tal-madwar. |
| *Visual impact* | *The reinstatement of the valley will have a positive impact on the surrounding scheduled areas and on the nearby Area of High Landscape Value. The proposal will improve the amenity of the area.* |
| Immaniġġjar tal-ilma | L-ilqugħ tal-ilma huwa mistenni li itaffi l-problema tal-għargħar aktar 'l isfel f'Għajn Riħana, f'Burmarrad u fis-Salini. Mhux mistenni li ser ikun hemm impatti sinifikanti jew negattivi fuq l-ilma tal-pjan. |
| *Water management* | *The water retention capacity is expected to alleviate the flooding problems further downstream at Għajn Riħana, Burmarrad and Salina. Groundwater is not expected to be significantly or adversely affected.* |

Minkejja dak li jissemma' hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-1 ta' April, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

1st April, 2010